187/22

CS
LEGAL

ENVIRONMENT AND PLANNING
REVIEW TRIBUNAL
RECEIVED
27 JUL 2022
ST. FRANCIS DITCH
FLORIANA

23 ta' Lulju 2022

Lic-Chairman

Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar

PO Box 172

Marsa

Sur Chairman,

**EC/00076/22**

Ninfurmak illi George Zammit ta' Facotry GGX 010 C, Qasam Industrijali, Xewkija, Ghawdex qed jappella mill-Avviz mahrug lilu skont l-Artikoli 95, 97 u 100 tal-Att VII tal-2016 dwar l-Ippjanar tal-Izvillup – Avviz biex Tieqaf u ta' Twettiq. (kopja tieghu annessa bhala Dokument A).

L-appellant George Zammit qatt ma gie notifikat b'dan l-avviz izda l-istess avviz twahhal mal-fabbrika fit- 22 ta' Lulju 2022 minkejja li d-data fuq l-avviz hija dik tat-23 ta' Gunju 2022.

Permezz ta' dan l-appellant Zammit gie infurmat li jidher li ghall-Awtorita' tal-Ippjanar hemm ksur tal-kontroll tal-Ippjanar fil-fabbrika GGX 010C, Qasam Insudtrijali tax-Xewkija, Ghawdex u dan il-ksur ta' kontroll tal-Ippjanar jikkonsisti f' li :-

> 'Ghandek zvilupp mhux skond il-permezz DN 231/20 datat 5 ta' amrzu 2020 u li jikkonsisti fl-alterazzjonijiet u tqassim fil-faccata tal-genb.'

Illi l-appellant George Zammit qed jappella minn dan l-Avviz ai termini tal-Artiklu 97 (11) tal-Kap 552 tal-Ligijiet ta' Malta u dan ghar-ragunijiet segwenti:-

1. L-ewwelnett jigi sottomess illi l-Avviz ma jispecifikax b' mod car liema zvillupp qed jigi allegat li huwa bla permess jew liema alterazzjonijiet saru mhux skond id-DN 231/20. Is-site plan annessa mal-Avviz turi s-sit kollu tal-fabbrika u bl-ebda mod ma tindika dak li huwa allegat li sar bla permess.

2. It-tieni jidher car li dan l-avviz gie mahrug biss biex jissodisfa ilmenti li saru minn terzi persuni li qed jippruvaw jaghlqu aperturi li l-appellant Zammit ghandu li jaghtu mill-fabbrika ghal fuq passagg u liema aperturi saru skond il-permess. Jidher car li l-ufficcjali tal-Awtorita' minkejja li jaf li dan l-Avviz ma kellux ebda bazi ceda ghall-pressjoni u hareg Avviz monk. Infatti terzi persuni ghamlu mandat ta' inibizzjoni li ma giex milqugh mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) u wara ghaddew biex jippruvaw tramite l-ufficcjali tal-Awtorita' tal-Ippjanar.

3. Mhux minnu li l-appellant George Zammit ghandu jew ghamel xi zvillup minghar permess li jikkonsisti f' alterazzjonijeit u tqassim fil-faccata tal-genb. L-appellant jopera fabbrika tal-ghamara

**Dr. Chris Said LLD. MP - Avukat**
Address: 19, Triq tal-Ħanaq, Nadur, Gozo
Tel: 21558860 | Mob: 79474856 | Email: chris@chrissaid.net

fil-Qasam Industrijali tax-Xewkija u l-aperturi ezistenti huma skond il-pjanti li gew sottomessi lill-Awtorita'.

4. Illi l-bieb li jidher li hemm allegazzjoni fuqu huwa fil-fatt emergency / fire exit u kien mitlub mid-Dipartiment tal-Protezzjoni Civili biex setghu jaghtu l-no objection taghhom.

Salv sottomissjonijiet ohra li jsiru waqt it-trattazzjoni ta' dan l-appell.

Ma dan l-appell qed tigi annessa l-ircevuta li turi li l-appellant hallas l-ammont dovut biex jigi sottomess dan l-appell.

L-appellant jitlob li dan l-appell jinstema' fis-seduti li t-Tribunal jzomm f' Ghawdex.

Nirringrazzjak tal-attenzjoni.

Av Chris Said

Xhieda li ser jintalbu :-

- Il-Perit Brian Curmi
- Direttur tad-Dipartiment ghall-Protezzjoni Civili